MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' April, 2005

Numru. 241/2004

**Il-Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

**Vs**

**PETER PAUL AZZOPARDI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PETER PAUL AZZOPARDI** bin Carmel u Carmela nee Camilleri mwieled nhar il-25 ta' Settembru, 1958 u residenti fil-fond "Azzopardi House", Triq il-Qala, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita` numru 53058G gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar it-23 ta' Frar, 2004 ghall-habta ta' 15.35 waqt li kien fir-residenza matrimonjali "Azzopardi House", Triq il-Qala, Nadur, hebb kontra martu Margaret Azzopardi u kkagunalha griehi hfief skond kif iccertifika Dr.Coronato Grech M.D. tac-centru tas-sahha tar-Rabat, Ghawdex.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti semghet lill-Margaret Azzopardi l-kwerelanti tixhed fis-seduta tal-24 ta' Gunju, 2004 u tghid illi dakinhar tat-23 ta' Frar, 2004 ghall-habta ta' 3.35pm, waqt li kienet fid-dar matrimonjali taghha, in-Nadur, tistenna l-Perit nominat f'kawza civili bejna u bejn zewgha, imur id-dar biex jaghmel stima tal-post, zewgha l-imputat hebb ghalija billi dahal fid-dar okkupata minnha u dana fil-presenza ta' binha Daniel Azzopardi. Spjegat kif qabadha minn idejha u fil-presenza taghha qabad ritratt li hija kellha go frame tal-hgieg u sabbtu mal-art u kissru. Kien f'dak il-hin illi hija ppruvat issalva l-frame li gie mormi mal-art u mkisser li zewgha qabadha minn idejha u kkagunalha feriti fuq idejha l-leminija.

Xehed PS 567 fl-istess tal-24 ta' Gunju, 2004 u esebixxa l-okkorrenza dwar ir-rapport maghmul minn Margaret Azzopardi fil-konfront tal-imputat odjern. Ikkonferma illi dakinhar tal-incident il-kwerelanti u zewgha l-imputat kienu qeghdin jistennew il-Perit biex jaghmel stima tal-fond u waqt li kien fir-residenza matrimonjali taghhom in-Nadur, huwa qabad frame tal-fidda u kissru u qabel ma sabbtu mal-art, Margaret ittentat tohodulu minn idejh u kien f'dak il-hin li hatafha u kkagunalha griehi ta' natura hfief fuq idejha l-leminija.

David Azzopardi xehed fis-26 ta' Awissu, 2004 u ddikjara li huwa jigi iben l-imputat u kien id-dar meta missieru l-imputat hebb ghal ommu billi gibidha minn idejha u ma hallijhiex tiehu l-frame li huwa kellu f'idejh. Iddeskriva l-manjiera kif missieru hebb ghall-ommu billi qal illi missieru kien aggressiv hafna maghha.

Doctor Coronato Grech xehed u spjega illi huwa minnu li kien ezamina lil Margaret Azzopardi nhar it-23 ta' Frar, 2005 u sab illi Margaret Azzopardi kellha nefha f'idejha l-leminija pero ma kien hemm l-ebda feriti fuq idejha u

ghalhekk ma hassx li huwa johrog jew jirrilaxxja certifikat mediku.

L-imputat Peter Paul Azzopardi xehed minn jeddu u b'mod volontarju fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 2005 u qal illi huwa minnu li kisser frame mal-art pero' dan ghamlu ghaliex huwa hass li kien qed jigi pprovokat minn martu peress li f'dan ir-ritratt martu dehret mal-boyfriend taghha. Qal ukoll illi martu dakinhar kienet aggressiva mieghu w insulentatu u ghalhekk irreagixxa bil-mod li rreagixxa. Huwa ressaq bhala xhud tad-difiza tieghu lill-certu Joseph Grima u dana sabiex jixhed fis-seduta tas-7 ta' April, 2005 u dana x-xhud stqarr li dakinhar tal-allegat incident huwa nzerta kien ghaddej minn Triq il-Qala, Nadur, u f'hin minnhom sema' hoss ta' hgieg jinkiser hdejn ir-rota ta' wara tat-truck tieghu. Mistoqsi jekk rax xi nies fit-triq dak il-hin, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.

Id-difiza sostniet li l-imputat qatt ma mess lill-martu u ma ikkagunalha l-ebda feriti. Inoltre sostniet li l-imputat kien qed jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni verbali ta' martu.

Din il-Qorti bhal dik tal-Qorti tal-Appell hija tal-fehma li sabiex persuna thebb kontra persuna ohra ma hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fisiku, bizzejjed li jkun hemm il-potenzjalita` ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik il-persuna l-ohra. Forsi t-test ingliz ta' din il-kontravenzjoni jiddiskrivi ahjar il-kuncett ta' "hebb"… *"<u>attempts to use force</u> against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others…".* Jekk ikun hemm kuntatt fiziku **multo magis** wiehed jista jghid li wiehed hebb ghal persuna ohra, sakemm il-fatt ma jammontax ghal xi reat iehor jew reat aktar gravi.

Il-Qorti ma tistax tinjora dak li qalet mart l-imputat kif korroborat minn binha u cioe` li l-imptuat qabadha minn idejha u kien aggressiv maghha.

**Il-Qorti hija tal-fehema, wara li rat l-artikolu tal-ligi u cieo` 339 (1) (d), 221 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li fic-cirkostanzi odjerni l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel akkuza fil-konfront tal-imputat u**

**ssibu hati taghha u tikkundannah ghoxrin lira ammenda u mhux hati tat-tieni akkuza u tilliberah minnha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------